MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2006

Numru 772/2006

Il-Pulizija
(Sup Raymond D’Anastas)
vs
Grezzju Micallef, iben Francis, imwieled Ħal-Qormi fil-21 ta’ novembru, 1955

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fl-4 ta’ lulju, 2006 għal ħabta tas-7.30 p.m. ġewwa Ħal-Qormi, volontarjament ikkaġuna feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Claire Micallef borg liema feriti jistgħu jġibu perikolu ta’ difett permanenti f’parti tal-għamla tal-ġisem skond ma ċċertifika t-Tabib Dr. Anton Bugeja;

2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi volontarjament ikkaġuna feriti ta’ natura ħafifa fuq il-persuna ta’ Antonia Borg skond ma ċċertifika t-Tabib Dr. Anton Bugeja;
3. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara ma tiskorrix il-ħames mitt liri maltin imam iżjed minn ħamsin lira maltin u dan sar għad-dannu ta’ Antonia Borg u Claire Micallef Borg;
4. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;
5. talli dagħa u/jew qal kliem oxen fil-pubbliku;
6. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi ħebb għal imsemmija Antonia Borg u Claire Micallef Borg sabiex jinġurjhom, idejjaqhom jew jagħmillhom ħsara.
Il-Qorti ġiet mitluba li f’każ ta’ ħtija tipprovdi għas-sigurta’ ta’ Antonia Borg u Claire Micallef Borg u il-familji rispettivi tagħhom, skond l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta’ diċembru, 2006 fejn il-prosekuzzjoni ddikjarat li ma għandhiex provi xi tressaq.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkużi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------